MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 22/2010

**Go Plc (C-22334)**
**vs**
**Mark Anthony May (K.I. 40097A)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u disgha u sittin ewro, u tliet ewro centezmi (€269.03) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil GO Plc in konnessjoni ma servizzi telefonici li jgib in-numru 2141 2534 (AC 40074459) skont dokumenti annessi mat-talba mmarkati bhala IZY 1 u 2.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-avviz u li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax i-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Ingrid Zammit Young fl-1 ta’ Marzu, 2010 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------